MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 24/2007

Maria Dolores sive Doris Debono u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem David Debono
vs
Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih ippremettiet:

1. Illi fil-5 ta' Dicembru, 2006 hi pprezentat Protest Gudizzjarji kontra l-intimat peress li hassita aggravata b'decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'kawza li hija kienet istitwiet kontra Alfred u Doris konjugi Galea, li kienu moruzi fil-hlas tac-cens impost fuq il-post ta' l-abitazzjoni taghhom f'numru 27 Triq Gebel Hanxul, Wied il-Ghajn. (Dok "A")

2. Illi kif gja gie indikat fil-protest, is-sentenza moghtija f'dik il-kawza kienet wahda gusta meta giet applikata l-ligi kif kienet giet erronjament emendata bl-Att Numru XXVII tas-sena 1976.

3. Illi s-sentenza msemmija li nghatat fit-22 ta' Novembru, 2006 kienet bazata fuq il-ligi taht it-Titolu ta' l-Enfitewsi tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien emendat b'dak l-Att XXVII tas-sena 1976.

4. Illi l-Att XXVII tas-sena 1976 introduca emendi li kienu jkopru emendi lill-certi artikli b'effett retroattiv u li kienu gew dikjarati nulli u bla effett minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha 520/95 AJM tad-12 t'April, 1999. (Dok "B"). Illi bil-ligi precedenti r-rikorrenti kienet tottjeni r-ripreza ta' l-immobli.

5. Illi l-intimat f'din il-kawza appella tali decizjoni ta' din l-Onor Qorti, u tali appell ilhu ghal decizzjoni ahharija lokalment mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali wara mhux inqas minn seba' u erbghin (47) seduta. (Dok "C")

6. Illi r-rikorrenti gibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni ghal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghal dak li hi tikkunsidra bhala nuqqas gravi b'dak id-dewmien, pero` baqghet minghajr twegiba anke wara li ngibdet l-attenzjoni ta' l-Ecc. Tieghu l-President tar-Reppublika ghal dak id-dewmien u l-konsegwenza li dak qed jikkaguna lir-rikorrenti.

7. Illi r-rikorrenti gja indikat l-intenzjoni taghha li se tirrikorri quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dik il-Qorti qed tistenna l-applikazzjoni wara l-ezitu ta' dik is-sentenza fl-Appell li ilha pendenti decizjoni, kif gja ntqal, ghal dawn l-ahhar 47 differiment sa mis-sena 1999.

8. Illi l-aggravju tar-rikorrenti huwa aktar evidenti meta jittiehdu in kunsiderazzjoni d-diversi proprjetajiet li hija ghandha moghtija b'cens taht il-kundizzjonijiet li kienu jezistu qabel l-introduzzjoni ta' l-emendi li din il-Qorti

kienet iddecidiet tali emendi li huma Nulli u bla Effett. Dan qed jinghad ghall-Artikolu 1524 tal-Kap 16.

9. Illi bl-introduzjoni ta' l-emendi li saru bl-Att XXVII tas-sena 1976, l-Artiklu 1607 tal-Kap 16 kien numerat 1519 u konsegwenza ta' l-emendi r-rikorrenti qed tbati d-danni.

10. Illi fl-artikolu 1607 (2) kien hemm stipulat illi jekk ikun hemm ftehim espress f'kuntratt dak il-ftehim ghandu jkun vinkolanti.

11. Illi bl-artikolu 1519 (2) li issostitwixxa dak l-artikolu 1607 (2), introduca l-kuncett illi "u dak iz-zmien jista', ghal raguni tajba jigi mtawwal ghal zmien moderat iehor".

12. Illi jigi indikat illi l-Artikolu gdid 1524 (li ssostitwixxa l-Artiklu 1613) li ghamel id-disposizzjonijiet godda applikabbli, gie dikjarat null u bla effett bis-sentenza fuq kwotata (520/99AJM tat-12 t'April, 1999).

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Illi l-artikolu 1524 u l-artikoli li ghalihom jaghmel referenza dak l-artikolu, huma nulli u bla effett u li b'digriet tas-26 ta' Frar 2008 giet mibgual bis-segwenti: Illi l-artikolu 1524 kif emendat u l-artikolu li ghalihom jaghmel referenza dak l-artikolu u specifikament ghall-artikolu 1519(2) huwa null u bla effett peress li jikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Illi d-dewmien biex jigi deciz l-Appell 520/99AJM ma hux dewmien kunsidrat wiehed ragonevoli u li qed imur kontra li spirtu sew tal-Kostituzzjoni (Art 39) kemm dak tal-Konvenzjoni Ewropea (Art 6).

3. Illi konsegwenza ta' l-emendi li saru bl-Att XXVII tas-sena 1976, ir-rikorrenti giet imcahda minn parti mit-talbiet taghha fil-kawza deciza fit-22 ta' Novembru, 2006 u b'hekk batiet danni.

4. Illi din il-Qorti tipprovdi rimedju ghat-telfien tad-drittijiet li kienet intitolata ghalihom kieku ma gewx kunsidrati fis-sentenza tat-22 ta' Novembru, 2006, l-emendi li gew dikjarati nulli u bla effett, min din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 t'April, 1999.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest tal-5 ta' Dicembru 2006, kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, jonqos fir-rikorrent l-interess guridiku li tressaq din il-kawza.

2. Illi l-kawza citata mir-rikorrent fl-ismijiet **Vincent Curmi *et* vs L-Onorevoli Prim Ministru *et***, deciza fit-12 ta' April 1999, taghmel stat ta' fatt biss bejn il-partijiet u ghaldaqstant ma taghtix dritt lir-rikorrent li tressaq ilmenti quddiem dina l- Qorti meta ma hijiex parti mill-istess proceduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

3. Illi ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrenti milli tiftah proceduri kostituzzjonali biex tattaka l-validita` *o meno* ta' l-emendi introdotti fil-Kap 16 in segwitu ghas-sentenza li nghatat fil-konfront taghha fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Debono vs Alfred u Doris konjugi Galea**, deciza fit-22 ta' Novembru 2006, bil-konsegwenza li hija ghaldaqstant gie li naqset li tiehu rimedju ordinarju qabel ma fethet il-proceduri odjerni.

4. Illi per konsegwenza dina l-Qorti jmissha taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha kostituzzjonali ai termini tal-*proviso* ghas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-subartioklu 4 tal-Kap 319 tsl-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suepost, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-agir ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma jwassal ghal ebda ksur ta' l-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Illi ghaldaqstant ma gew lezi ebda drittijiet spettanti lir-rikorrenti, u l-intimat m'ghandux iwiegeb ghal ebda allegazzjoni ta' danni li r-rikorrenti qed tilmenta illi soffriet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' Nicholas Debono fejn issemma li Maria Dolores sive Doris Debono tigi ohtu u sew hu kemm hi u huh Gustav li joqghod l-Awstralja, u li taghhom hu prokuratur, jippossjedu proprjetajiet suggetti ghall-hlas ta' cens lilhom. Gieli zminijiet ic-censwalisti jonqsu li jhallsu u dan minkejja l-obbligi li hemm stipulati fil-kuntratti relattivi, kif wkoll l-obbligi legali, li fin-nuqqas ta' hlas dawn jiddekadu mid-drittijiet enfitwetici kollha fuq il-proprjeta` koncessa. Ohtu Maria Dolores sabet ruha f'dawn ic-cirkustanzi u allura kellha tipprova tenforza dak stipulat fil-kuntratt u fil-ligi biex ma titlifx id-drittijiet taghha. Hu, li jiehu hsieb l-interessi ta' hutu, sab ruhu fid-diffikultajiet li johorgu mis-sitwazzjoni legali emenenti llum fil-konfront tal-validita` o meno tal-ligijiet relatati mac-cnus kif dawn gew emendati. Allura ghamel ir-ricerki mehtiega u ha l-konsulenza opportuna biex jara x'ikun l-ahjar li jsir fl-interess taghhom u prezentament t'ohtu. Sar jaf li l-Qrati kienu gja ippronunzjaw ruhhom fuq il-validita` ta' l-Artikolu 1524 tal-Kapitolu 16 dwar l-enfitewsi u li s-sentenza relattiva tinsab appellata mill-Gvern u tali appell qed jinstenna l-ezitu finali lokalment mill-Qorti ta' l-Appell. Fic-cirkostanzi hu ha l-inkarigu fl-interess tieghu u ta' hutu, f'dan il-kaz t'ohtu Maria Dolores Debono, ir-rikorrenti, li jsegwi l-procedura kollha fil-kaz in kwistjoni u kien attiv kif

jidher mid-dokumenti prezenatati biex jara li jkun hemm decizjoni sabiex ohtu tinghata rimedju fil-Qrati. Izda, minkejja l-isforzi tieghu biex dan isehh u s-sitwazzjoni fil-kawza **V. Curmi *et* Vs Prim Ministru *et*** ghadha pendenti ghall-prolazzjoni tas-sentenza u dana wara tmienja u erbghin darba. Hu jidhirlu li dan id-dewmien kollu, ghall-kazi bhal dak t'ohtu, hu negazzjoni tal-gustizzja. Kien minhabba hekk u wara konsultazzjoni opportuna li ohtu mxiet b'dan ir-rikors odjern. Dan waslet ghalih peress li fil-kaz taghha kontra Alfred Galea (Kaz Nru. 107/05 JRM) (Dok D) fl-atti tar-rikors, dana kien inadempjenti fil-hlas tac-cens minkejja l-obbligi stipulati espressament fil-kuntratt tal-koncessjoni enfitewka li l-proprjeta` tintilef fin-nuqqas tal-ftehim kuntrattat. Meta din l-Onor. Qorti giet tiddeciedi l-kaz, gara, li, minkejja dak miftiehem bejn il-partijiet, il-Qorti, stante li l-kwistjoni ta' **V. Curmi *et* vs PM *et*** (Kaz Nru 520/95 AJM) (Dok B) ghadu pendenti fl-Appell, ghazlet li tapplika l-ligi kif mibdula li kienet iddikjarat nulla u bla effett min din l-istess Qorti.

Xehed Reno Cortis u semma li hu skrivan tal-Kummissjoni ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Mistoqsi dwar il-kaz ta' Doris Debono qal li minhabba s-segretezza ta' l-ufficcju u l-kunfidenzjalita` ma kienx awtorizzat jaghti ebda risposta.

Xehed Anthony Attard u qal li l-kariga tieghu hija ta' segretarju tal-Presidenza. Jiftakar li xi zmien kien ircieva xi korrispondenza minghand is-Sur Nicholas Debono u jahseb li huwa relatat, kienet korrispondenza permezz ta' *e-mail*. Qal li hu ma kellux x'jaqsam mal-Kummissjoni, izda mas-segretarjat tal-Presdienza. Hemm is-segretarjat tal-Presidenza mbaghad hemm id-dipartiment imbaghad hemm *domestic staff* u hu inkarigat, ix-xoghol tieghu ghandu x'jaqsam mas-segretarjat mad-dipartiment u mad-*domestic staff* San Anton. Il-kummissjoni indipendenti minnha m'ghandha x'taqsam xejn. Il-President huwa *chairman* tal-Kummissjoni u dak li jaghmlu huwa sigriet kunfidenzjali jigifieri hu ma jaf xejn. B'referenza ghall-ittra ta' page 97 hu qal li din l-ittra hu ma' rahiex ghax din fil-fatt ghandha x'taqsam mal-Kummissjoni u kif qal hu ma ghandux x'jaqsam maghha. Qal li hu ma kienx is-

segretarju privat tal-President, korrispondenza normalment tinfetah mill-i*staff* tas-segretarju privat tal-President. Ra l-ittra a fol 99 tal-process u qal li din jiftakarha fil-fatt. Ikkonferma li huma *e-mails* ta' korrispondenza bejniethom. Li kien ghamel kien irreferieh ghall-Kummissjoni. L-ittra a fol 100 pero` ma jiftakarhiex, indirizzata lil Dr. Deborah Farrugia. Ma jafx li raha l-parti bil-*bold*. Qal li Monica Agius ma jiftakarx persuna ghalkemm jaf li hemm persuna li jisimha Monica ma jafx x'kunjomha li hi messaggiera, li din ghandha x'taqsam mal-gbir tal-posta, jimmagina minn xi *branch*. L-ittra ma rahiex pero` bhala prattika jimmagina li din tkun intbaghtet lill-Kummissjoni, peress li ghandha x'taqsam ma' dan l-aspett.

Rat is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2008 li biha l-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti biex tinghata aktar informazzjoni dwar il-proceduri quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Illi fil-25 ta' Frar 2008, in segwitu tas-sentenza in parte fuq imsemmija, ir-rikorrenti talbet li wara li s-sentenza tat-12 ta' April 1999 giet deciza u mibdula mill-Appell, irtirat it-tieni talba filwaqt li ikkoregiet l-ewwel talba fuq imsemmija. Din it-talba emendat l-ewwel talba u kif mibdula giet tghid hekk:
"1. Illi l-artikolu 1524 kif emendat u l-artikolu li ghalihom jaghmel referenza dak l-artikolu, u specifikament ghall-artikolu 1519(2) huwa null u bla effett peress li jikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".

Rat li l-Avukat Generali ma oggezzjonax ghat-talba ghall-korrezzjoni, filwaqt li zamm ferm mar-risposta minnu intavolata u cahad li l-artikolu 1524 kif emendat kif ukoll l-artikolu 1519 (2) jiksru l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fis-26 ta' Frar 2008 il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni.

Illi r-rikorrenti ipprezentat in-nota ta' osservazzjonijiet taghha fis-6 ta' Mejju 2008 (fol 163 sa 169). L-Avukat

Generali ipprezenta n-nota tieghu fis-16 ta' Lulju 2008 (fol 171 sa 179). Hemm in-nota responsiva tar-rikorrenti a fol 182 sa 186, u dik responsiva ta' l-Avukat Generali a fol 187 sa 189.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Fatti tal-Kaz:</u>***

Il-Qorti sejra tikkwota is-sunt tal-fatti kif esposti fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-Avukat Generali:

"ir-rikorrenti flimkien ma' zewg hutha subien kienet tat b'cens perpetwu b'sehh mid-data tal-kuntratt (7 ta' Dicembru 1966) lil Malta Properties Limited. L-imsemmija art tqieset li kienet taghmel sitt porzjonijiet. Ic-cens kellu jithallas kull sitt (6) xhur bil-quddiem. Kien miftiehem, fost l-ohrajn, li jekk kemm-il darba l-kumpannija koncessjonarja taqa' lura fil-hlas tac-cens f'ammont ekwivalenti ghal sitt (6) skadenzi, jew f'somma ekwivalenti ghal tliet (3) snin cens, id-direttarji kellhom il-jedd li jitolbu l-hall tal-kuntratt tac-cens wara li jaghtu avviz ta' tliet (3) xhur lill-utilista, permezz ta' ittra registrata fl-ahhar indirizz maghruf taghha.

Illi dan ir-rikors qieghed isir ghar-rigward ta' dak li gara f'porzjon minnhom. Infatti Malta Properties Limited ghaddiet plot sitta lil terz u dan il-plot li kienet inbniet ghaddiet f'idejn diversi sakemm numru 27, Triq Gebel Hanxul, Wied il-Ghajn ghadda f'idejn Alfred u Doris konjugi Galea b'kuntratt tat-12 ta' Jannar 1978, u dan taht il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Gara li f'xi zmien il-konjugi Galea ma baqghux ihallsu c-cens dovut u dan wassal biex Maria Dolores sive Doris Debono tipprocedi b'kawza fil-Prim Awla fl-ismijiet "**Maria Dolores sive Doris Debono vs Alfred u Doris konjugi Galea**" (Cit. Nru:107/05/JRM) fejn talbet, fost ohrajn, it-thassir tal-koncessjoni enfitewtika minhabba n-nuqqas tac-censwalist li jhallas fil-hin ic-cens dovut u talbet ukoll li l-gid ighaddi lura ghandha. Fis-sentenza tat-22 ta' Novembru, 2006 l-Onorabbli Prim'Awla filwaqt li ddikjarat li l-imharrkin kienu waqghu lura fil-hlas tal-iskadenzi ta' cens minnhom dovuti ghall-fond in kwistjoni, pero` applikat l-artikolu 1519 tal-Kodici Civili biex b'hekk tat lill-konjugi Galea zmien perentorju ta' xahar biex ihallsu l-

ammont dovut minnhom. Fin-nuqqas li jhallsu huma kellhom johorgu mill-imsemmi post sa zmien xahrejn u seta' jigi redatt l-att ta' thassir tal-kuntratt ta' enfitewsi.

Illi r-rikorrenti m'appellatx minn tali decizjoni u minflok ipprezentat dan ir-rikors Kostituzzjonali li fih saret referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Vincent Curmi noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et" (Rik. Kost Nru:520/95 AJM -12/04/1999)** li ddikjara li l-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-1976 li kienu jkopru emendi lil certi artikoli b'effett retroattiv huma nulli u bla effett. Sar appell minn din [**Curmi vs PM**] is-sentenza liema appell gie milqugh permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar, 2008."

Ir-rikorrenti fin-nota taghha semmiet li:
"Illi dana aggrava sewwa d-drittijiet tar-rikorrenti peress li hija għandha diversi artijiet li kienet ikkonċediet qabel l-1976 meta kienu viġenti l-provvedimenti taċ-ċens qabel l-emendi. F'kull każ hija kienet konċedenti u rabtet lil kull parti li kient aċċettat il-konċessjoni tagħha bil-kundizzjoni ta' riversjoni tal-immobbli jekk ma jsirx il-ħlas taċ-ċens relattiv. Dak li kien l-artiklu 1607(2) (illum 1519(2)) kien jipprovdi għal dan. Bl-emendi dan sar l-artiklu 1519(2) u żdiedet l-opportunita li jsir il-ħlas anki wara t-talba għar-riverżioni, b'mod li r-rieda tal-partijiet fil-ftehim ta' konċessjoni ġiet mibdula. Dana bi-saħħa tal-artiklu 1524 tal-Kap.16 kif emendat bl-att XXVII tal-1976 li rrenda l-provvediment retroattiv."

Minhabba f'hekk ir-rikorrenti sostniet li l-artriklu 1524 kif emendat bl-Att Nru XXVII tas-sena 1976 u l-artiklu li ghalihom jaghmel referenza dak l-artikolu, u specifikament l-artiklu 1519 (2) huwa null u bla effett, peress li jikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Wara li fis-26 ta' Frar, 2008 ir-rikorrent talbet il-korrezzjoni ndikata, l-Avukat Generali hass li b'referenza ghall-ewwel, it-tieni u l-hames eccezzjonijiet tieghu jiddikjara li l-mertu huwa ezawrit peress li dawn l-istess eccezzjonijiet kienu jallaccjaw mat-tieni talba tar-rikorrenti (liema talba giet irtirata).

***D2. Non-ezawriment tar-rimedji ordinarji:***

L-Avukat Generali fit-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu eccepixxa li r-rikorrenti m'ezawrietx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti jmissha taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha kostituzzjonali *ai termini* tal-*proviso* ghas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jghid hekk:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

U l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319:
"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:

Izda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra."

Il-Qorti ghalhekk ghandha l-obbligu li tezamina jekk kienx hemm mezzi adegwati ta' rimedju ghall-ksur allegat, u ghalhekk, jekk ir-rimedji msemmija mill-Avukat Generali fil-fehma tal-Qorti kienu mezzi xierqa, il-Qorti ghandha l-obbligu li tapplika dawn l-artikoli. Ara **Joseph Gauci, Edward Pavia, Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija (**Rikors Nru. 690/99FS), deciz fid-29 ta' Settembru, 2009 minn din il-Qorti kif presjeduta, u

decizjonijiet ohra, **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Gunju 1999; **Dr. Mario Stilon De Piro *pro et noe* vs Kummissajru ta' l-Artijiet**, deciza mill-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Lulju 2004; **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001; u **Alfred Schembri vs Kontrollur tad-Dwana *et***, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Marzu 2004.

Huwa veru li fis-sentenza **Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija *et*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April 1991 il-Qorti nghatat diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex tezamina l-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz halli tasal ghad-decizjoni jekk ghandhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et** insibu:
"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini jkunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister *nomine***, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm ta' l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esercizzju ta' diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Prim Ministru** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi

ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju li ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet **Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija** u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet **Anton Scicluna *pro et noe* vs Prim Ministru**.

Dan il-*proviso* ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta`; izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra l-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut ta' l-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, il-Qorti m'ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-

possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri ta' l-ordinament gudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.

Fil-kawza **Tat-Taljan Company Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001 intqal:
"sakemm tibqa' l-possibilita` li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli."

Interessanti wkoll dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fil-kawza **Mary Green *et* vs Avukat Ġenerali *et*** tat-13 ta' April 2007 fejn intqal:
"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser; għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jaghti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi…"."

Fil-kawza fl-ismijiet **Melita Cable p.l.c. vs L-Avukat Generali *et*** (deciza fis-16 ta' Jannar 2006) mill-Qorti Kostituzzjonali, fir-rigward ta' l-ezistenza *o meno* ta' "mezzi xierqa ta' rimedju" ohra meta jkun qed jigi lamentat ksur tad-drittijiet fondamentali:
"Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward giet riassunta b'mod konciz u korrett mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*** – kawza li qed tigi ikkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza moghtija llum stess. F'dik is-sentenza il-Prim Awla qalet hekk: 'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[1]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci [2]…'. "

Lil din il-Qorti jirrizultalha li r-rikorrenti setghet intavolat appell mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u li konsegwentement fl-appell kienet titlob li l-konjugi Galea ma jinghatawx il-*purgazione della mora.* L-allegata lezjoni ta' drittijiet fundamentali seta' gie indirizzat f'dak l-appell. Mil-ligi u gurisprudenza relattiva, jekk rikorrent ma jkunx ghamel uzu mir-rimedju li kellu, ma jistax jaqbad u jindirizza tali lment lill-Qorti b'rikors ta' natura kostituzzjonali sakemm ma jkunx rimedju li ma setax jirrimedja hlief *in parte* l-lanjanzi tar-rikorrent. Izda jekk rikorrent ma ezawrixxiex ir-rimedji ordinarji li kellu disponibbli ma jistax wara jindirizza lment b'rikors ta' natura kostituzzjonali.

Interessanti wkoll huwa dak li issottometta l-Avukat Generali fin-nota tieghu a fol 173 tal-process (ossija

[1] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXV.i.106).
[2] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet **Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija** (mhix pubblikata).

pagna 3 tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-16 ta' Lulju 2008):
Illi inoltre fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, ir-rikorrenti iddikjarat li hija accediet ghal dina l-Onorabbli Qorti ghax l-utilista naqas li jhallas ic-cens minnu dovut kif gie stabbilit fis-sentenza tat-22 ta' Novembru, 2006. Bir-rispett kollu, l-esponenti jirrileva li ladarba r-rikorrenti kellha sentenza li ghaddiet in gudikat hija kellha kull dritt, skond il-ligi, li tenforza l-istess sentenza kontra l-konjugi Galea. L-ewwel Onorabbli Qorti ipprovdiet b'mod kategoriku li fin-nuqqas li l-utilisti ma jhallsux ic-cens dovut minnhom u kif likwidat mill-istess Qorti fi zmien kalendarju ta' xahar huma kellhom jizgumbraw mill-fond fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza. Dan ifisser li r-rikorrenti kellha d-dritt li titlob li jinhareg mandat ta' zgumbrament fil-konfront tal-konjugi Galea; kif ukoll, li titlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru jew qbid sabiex tikkawtela d-drittijet taghha rigward l-arretrati ta' cens u spejjez tal-kawza. Ir-rikorrenti kienet ghalhekk tirriprendi lura l-fond u tgawdih in piena proprjeta`. Izda hija ghazlet li ma taghmel xejn minn dan u ghalhekk japplika dak li qalet l-Onor. Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*** (App.Civ. Nru:22/05 – 16/01/06):

Illi madankollu, l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[3]. M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghal xejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[4];"

---

3. Kost 09/10/2001 **Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija et**
4. Kost 25/06/1999 **Spiteri vs Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar et** (Vol. LXXXIII-I-201)

Fin-nota sussegwenti tar-rikorrenti tat-12 ta’ Settembru 2008 li tinsab a fol 182 *et* tal-process, ir-rikorrenti tghid:
“Illi huwa opportun qabel xejn li jiġi indikat lil din l-Onorabbli Qorti li fit-termini tas-sentenza tal-Prim Awla it-talbiet tal-attriċi ġew kollha milqugħa mil-Qorti fis-sentenza. Li ġara huwa li waqt li akkordat ukoll lill-attriċi r-ripresa tal-beni mmobbli bil-benefikati fuqhom, salv li tat lill-konvenuti ċ-ċans li jippurgaw il-mora billi jsalvaw kollox jekk iħallsu ċ-ċens u l-arretrati fi żmien xahar. Dan fisser li waqt li l-esponenti kienet rebħet il-kawża ma rnexxiliex tirbaħ ukoll r-ripreża tal-fond billi l-Prim Awla deherilha li kellha tapplika l-liġi kif emendat bl-Att 27/1976, billi akkordat lill-intimat iż-żmien biex jippurga l-mora, billi jħallas l-arretrati taċ-ċens.

Illi allura tqum il-kwistjoni qabel xejn jekk setgħax iseħħ appell mil-esponenti meta rebħet kull talba li għamlet. Dana waqt li l-Qorti ssoġġettat l-ilqugħ ta’ talba għall-possibilta li l-intimat jirrimedja għan-nuqqas tiegħu. L-attriċi setgħet biss possibilment tappella fuq il-konċessjoni ta’ dan it-terminu. Pero kien hemm ċirkustanza oħra ta’ importanza konsiderevoli li kellha tikkonsidra l-attriċi. Cioe’ li hija kienet qed titlob li l-Qorti timxi fuq il-preċedent tal-kawża “V.Curmi Vs il-Prim Ministru” billi tgħodd bħala invalidu, in parti, l-Att 27 tal-1976 dwar l-emmendi taċ-ċens billi taplika l-kondizzjoni kontrattwali bejn il-partijiet u tinjora l-purgazzjoni tal-mora li ntroduċa l-att retrospattivament fuq iċ-ċens.”

Izda fil-fehma tal-Qorti dan ir-ragunar huwa difettuz. Infatti r-rikorrenti ma talbitx ir-rimedju li nghatat fis-sentenza tal-Prim’Awla ghax tant kemm mhix kuntenta b’dak l-ezitu li intavolat il-proceduri odjerni. Dak li dejjem riedet ir-rikorrenti kien li ma tinghatax il-*purgazione della mora* izda li jkollha d-dritt li tiehu lura l-proprjeta` - haga li l-Prim’Awla ma tathiex direttament izda b’mod kundizzjonat. Mela ghalhekk ir-rikorrenti kienet taf mill-ewwel li kellha rifjut tat-talba taghha u ghalhekk kienet taf li jmissha tappella minn dik id-decizjoni u kuntrarjament ghal dak sottomess mill-istess rikorrenti ma kellhiex ghal

fejn tistenna t-traskors ta’ xahar izda messha intavolat l-appell mill-ewwel.

Bl-istess mod ma kien hemm ebda skop li tistenna l-ezitu tal-kawza **Curmi vs Prim Ministru** ghax id-drittijiet taghha, purche` simili, ma kienux dipendenti mill-imsemmija kawza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk johrog li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji effettivi u ma kienet hadet ebda azzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa’ t-tielet u r-raba’ eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali u ghalhekk taghzel li ma tezercitax is-seta’ taghha kostituzzjonali ai termini ta’ l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonali u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------